L-INTRAPRIŻI ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU

Din l-iskeda informattiva tispjega kif l-UE tappoġġja lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Tiddeskrivi l-miżuri ewlenin tal-UE għat-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom, għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi u għall-appoġġ tal-innovazzjoni, u tirrieżamina l-inizjattivi reċenti biex tgħinhom jadattaw għat-tranżizzjoni diġitali, id-dekarbonizzazzjoni u kuntest ekonomiku u ġeopolitiku aktar diffiċli. Tiddiskuti l-bażi legali għall-politika tal-UE dwar l-SMEs, l-objettivi u l-kisbiet tagħha, u r-rwol tal-Parlament Ewropew fl-avvanz ta' din il-politika.

IL-BAŻI LEGALI

— It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE): firxa ta' dispożizzjonijiet fit-TFUE jistabbilixxu l-qafas ta' politika tal-UE għall-SMEs, b'mod partikolari l-Artikoli 101 sa 109 dwar il-kompetizzjoni, l-Artikoli 110 sa 113 dwar it-tassazzjoni, u l-Artikoli 49 sa 54 dwar id-dritt ta' stabbiliment fil-liġi tal-kumpaniji.

— Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ir-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE): għall-finijiet tal-politika tal-UE, l-SMEs huma definiti fir-rakkomandazzjoni bħala intrapriżi b'inqas minn 250 impjegat u jew fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 50 miljun jew total annwali tal-karta tal-bilanċ ta' mhux aktar minn EUR 43 miljun.

L-OBJETTIVI

L-SMEs jammontaw għal 99.8% tan-negozji kollha fl-UE. Skont l-aktar ċifri reċenti, l-SMEs tal-UE impjegaw madwar 89.8 miljun persuna fl-2024 u għadhom sors essenzjali ta' intraprenditorija u innovazzjoni.

Fid-dawl ta' dan, l-UE għandha l-għan li tiżgura li l-politiki u l-azzjonijiet tagħha dwar l-SMEs:

— huma favur in-negozji ż-żgħar;

— isaħħu l-kompetittività tal-SMEs; u

— jikkontribwixxu biex l-Ewropa ssir post aktar attraenti biex tiġi stabbilita kumpanija u biex isir in-negozju.

IL-KISBIET

A. L-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar tal-2008

F'Ġunju 2008, il-Kummissjoni ressqet inizjattiva komprensiva dwar l-SMEs fil-forma ta' komunikazzjoni dwar l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar (SBA). Dan il-pakkett kellu l-għan li joħloq qafas ta' politika ġdid li jintegra l-istrumenti eżistenti u jibni fuq il-Karta Ewropea għall-Intrapriżi ż-Żgħar u l-politika moderna tal-SMEs għat-tkabbir u l-impjiegi.

1. Regolamentazzjoni intelliġenti

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar huwa li titnaqqas il-burokrazija. Ta' għajnuna partikolari għan-negozji ż-żgħar kienu l-emendi għal dawn id-direttivi:

— id-Direttiva dwar il-Ħlas Tard, li tirrikjedi li l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu pagamenti fi żmien 30 jum, u sservi bħala garanzija ta' sigurtà għall-SMEs; kif ukoll

— id-Direttiva dwar il-Fatturazzjoni Elettronika, li tagħti lill-fatturi elettroniċi l-istess status bħal dak ta' fatturi stampati.

Barra minn hekk, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' April 2021 dwar leġiżlazzjoni aħjar introduċiet l-approċċ "one in, one out" biex tillimita l-piż amministrattiv maħluq minn leġiżlazzjoni ġdida tal-UE.

2. Aċċess għall-finanzjament

Is-swieq finanzjarji spiss naqsu milli jipprovdu lill-SMEs bil-finanzjament meħtieġ. Sar xi progress fit-titjib tad-disponibbiltà tal-finanzjament u l-kreditu għall-SMEs permezz tal-għoti ta' self, garanziji u kapital ta' riskju. L-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej – il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew għall-Investiment – żiedu l-operazzjonijiet tagħhom relatati mal-SMEs. F'Novembru 2011, il-Kummissjoni pproponiet "pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs". Fost affarijiet oħra, il-pjan ta' azzjoni inkluda inizjattivi ta' politika biex jitħaffef l-aċċess għall-SMEs għas-swieq ta' kapital ta' riskju.

3. L-SMEs fis-suq uniku

L-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar u l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni intitolati "Lejn Att dwar is-Suq Uniku – għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna" u "Att dwar is-Suq Uniku II" enfasizzaw il-ħtieġa li jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' qafas għan-negozji fis-suq uniku. Jeżistu diversi inizjattivi u miżuri, u diversi oħrajn huma ppjanati, biex jippermettu lill-SMEs jiġu stabbiliti u joperaw fis-suq intern. Barra minn hekk, l-SMEs huma eżentati minn ċerti rekwiżiti, inkluż f'oqsma bħar-regoli dwar il-kompetizzjoni, it-tassazzjoni u l-liġi tal-kumpaniji.

F'Jannar 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2026. Dan kien jinkludi l-ewwel aġenda annwali ta' infurzar tas-suq uniku, bl-għan li tindirizza l-ostakli nazzjonali b'mod aktar b'saħħtu. B'mod parallel, il-ħames rapport tat-Task Force għall-Infurzar tas-Suq Intern (SMET) enfasizza l-ħidma li saret biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għall-fornituri tas-servizzi transfruntiera permezz ta' tmien prattiki tajba u biex jiġu indirizzati l-ostakli prattiċi bħall-ftuħ ta' kontijiet bankarji bejn il-fruntieri. F'Marzu 2026, il-Kummissjoni varat ukoll sejħa għal evidenza dwar ir-restrizzjonijiet territorjali tal-provvista, identifikati fl-istrateġija tas-suq intern 2025 bħala waħda mill-aktar ostakli ta' ħsara għas-suq uniku.

4. Il-politika tal-kompetizzjoni

Il-politika tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat ilha, għal żmien twil, tittratta lill-SMEs favorevolment billi tirrikonoxxi d-diffikultajiet speċjali li jiffaċċjaw. Fl-2014, il-Kummissjoni adottat reviżjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali għal għajnuna mill-Istat (ir-Regolament (UE) Nru 651/2014). Wieħed mill-komponenti tal-

modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat kien iż-żieda fil-flessibbiltà mogħtija lill-pajjiżi tal-UE biex jagħtu għajnuna mill-Istat lill-SMEs mingħajr notifika u approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni, b'ċerti kundizzjonijiet. Abbażi ta' dan ir-regolament, l-SMEs jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ pubbliku sa massimu ta' EUR 7.5 miljun.

B. In-networks tal-UE għall-SMEs

Fost l-eżempji ta' networks maħsuba għall-SMEs hemm:

— servizzi ta' appoġġ ġenerali għall-SMEs fl-UE: in-Network Enterprise Europe, SOLVIT, Your Europe u l-helpdesks nazzjonali tar-REACH;

— innovazzjoni u riċerka: il-Helpdesk Ewropew tal-Proprjetà Intellettwali, l-SME Techweb u l-Helpdesk tal-SMEs tal-Proprjetà Intellettwali fiċ-Ċina;

— appoġġ speċifiku għas-settur: in-Network taċ-Ċentru Ewropew għan-Negozju u l-Innovazzjoni, in-Network Ewropew tal-Innovazzjoni fuq il-Post tax-Xogħol u l-Gate2Growth.

C. L-SMEs u r-riċerka

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma kruċjali għat-tkabbir tal-SMEs fl-UE. Skont Orizzont 2020 (2014-2020), l-UE fittxet li ssaħħaħ l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-SMEs, b'mod partikolari permezz ta' strument iddedikat għall-SMEs għal proġetti fi stadju bikri u b'riskju għoli. Il-kompetittività tal-SMEs kienet ukoll wieħed minn 11-il objettiv tematiku tal-politika ta' koeżjoni għas-snin 2014-2020, flimkien ma' investiment f'oqsma bħar-riċerka u l-innovazzjoni, l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Orizzont Ewropa, li jintemm fl-2027, jibni fuq dan l-approċċ u jinkludi l-Kunsill tal-Innovazzjoni Ewropew, il-programm tal-innovazzjoni emblematiku tal-UE, li għandu baġit ta' EUR 10.1 biljun biex jappoġġja l-innovazzjoni revoluzzjonarja matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tan-negozji ġodda (start-ups) u tal-SMEs, mir-riċerka fl-istadji bikrija sal-finanzjament u l-espansjoni.

Meta nħarsu 'l quddiem, fl-ambitu tal-baġit tal-UE għas-snin 2028-2034, il-Kummissjoni pproponiet kważi l-irduppjar tal-baġit ta' Orizzont Ewropa u ħolqot Fond Ewropew għall-Kompetittività ġdid biex tiġbor flimkien diversi strumenti ta' finanzjament f'qafas aktar sempliċi, li jindirizza talba ewlenija mill-SMEs matul il-fażi ta' konsultazzjoni.

D. Il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs

Il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME), stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1287/2013, dam għaddej mill-2014 sal-2020, u kellu baġit ta' EUR 2.3 biljun. Dan appoġġja lill-SMEs permezz tal-aċċess għall-finanzi, l-aċċess għas-suq u l-internazzjonalizzazzjoni, l-intraprenditorija u l-innovazzjoni, u l-appoġġ għat-turiżmu u l-industriji kreattivi. Permezz tal-istrumenti finanzjarji tiegħu, immobilizza EUR 17.5 biljun għall-SMEs, inklużi EUR 7.7 biljun f'garanziji li jappoġġjaw aktar minn 340 000 SME u EUR 3.5 biljun mobilizzati għal 550 000 negozju ġdid u negozju li qed jespandi. Aktar minn nofs miljun SME bbenefikaw minn appoġġ għall-esportazzjoni, fieri kummerċjali u networks tan-negozju, filwaqt li aktar minn 200 raggruppament ta' negozji rċevew appoġġ għall-kooperazzjoni transfruntiera. COSME appoġġja wkoll aktar minn 10 000 SME permezz

ta' vawċers tal-innovazzjoni u servizzi ta' konsulenza, ipprovda servizzi ta' żvilupp tan-negozju lil aktar minn 1 000 SME, appoġġja 1 500 proġett tat-turiżmu u appoġġja 2 000 SME kreattiva permezz ta' finanzjament u taħriġ.

Wara li l-programm intemm fl-2020, l-attivitajiet tiegħu ġew integrati fi programmi oħra tal-UE.

E. 2020-2024: appoġġ għall-SMEs fi żminijiet ta' taqlib

F'Marzu 2020, il-Kummissjoni ppubblikat "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" u "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali" li jinkludu proposti biex jgħinu lill-SMEs joperaw, jikbru u jespandu. F'April 2020, il-Parlament irreaġixxa għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-ktajjen tal-provvista industrijali u l-SMEs billi adotta riżoluzzjoni dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tappoġġja miżuri ta' rkupru ekonomiku. F'Novembru 2020, il-Membri tal-PE adottaw riżoluzzjoni dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa, li fiha talbu lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija industrijali riveduta.

Kif enfasizzat fl-istrateġija għall-SMEs, in-negozji ż-żgħar jeħtieġu aċċess eħfef għall-finanzi. Biex jappoġġjaw dan l-għan, fl-2024 il-Parlament u l-Kunsill qablu dwar bidliet fid-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (2014/65/UE) bħala parti mill-ftehim dwar l-"Att dwar l-Elenkar". B'reazzjoni għall-inflazzjoni u għall-inċertezza ekonomika usa', b'mod partikolari minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tal-enerġija u tal-materja prima, il-Kummissjoni ppubblikat il-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs f'Settembru 2023. Dan kien jinkludi: proposta għal regolament dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali u proposta għal direttiva li li tistabbilixxi sistema ta' taxxa tal-uffiċċju reġistrat għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.

F. 2025-2026: l-azzjoni favur is-simplifikazzjoni

Minn Frar 2025, il-Kummissjoni nediet moviment wiesa' ta' simplifikazzjoni, u fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026 iddikjarat li aktar minn nofs l-inizjattivi leġiżlattivi tagħha se jiffukaw fuq is-simplifikazzjoni u fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi b'25% b'mod ġenerali u b'35% għall-SMEs.

F'Mejju 2025, il-Kummissjoni varat l-istrateġija tal-UE dwar l-istartups u l-iscaleups biex ittejjeb il-kundizzjonijiet qafas għall-istabbiliment u l-espansjoni ta' negozji innovattivi fl-Ewropa. Aktar reċentement, fit-18 ta' Marzu 2026, hija ppreżentat proposta biex tiġi stabbilita "EU Inc". bħala parti mill-aġenda usa' tat-28 reġim: sett uniku fakultattiv ta' regoli korporattivi tal-UE bl-għan li jagħmilha aktar faċli għall-kumpaniji innovattivi biex jibdew, joperaw u jikbru fl-UE kollha. Skont il-proposta, kumpanija tista' tiġi stabbilita fi żmien 48 siegħa, għal inqas minn EUR 100, mingħajr rekwiżit ta' kapital azzjonarju minimu u permezz ta' proċeduri kompletament diġitali.

Fi Frar 2026 ġiet adottata d-Direttiva Omnibus I biex tissimplifika d-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà u d-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta Korporattiva dwar is-Sostenibbiltà. Dan għen biex jitnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar obbligatorju għall-SMEs u biex jittaffew il-pressjonijiet ta' konformità mgħoddija lil ditti iżgħar permezz tal-ktajjen tal-valur.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament appoġġja l-iżvilupp tal-SMEs Ewropej b'mod konsistenti permezz tal-ħidma tiegħu fuq regolamentazzjoni aħjar, aċċess għall-finanzi, il-politika industrijali u s-suq uniku. F'dawn l-aħħar snin, iffoka fuq it-tnaqqis tal-piż kumulattiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE, it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' finanzjament, u l-iffaċilitar tal-istabbiliment u tal-espansjoni tal-kumpaniji innovattivi fis-suq uniku kollu.

Interventi parlamentari ewlenin:

— Jannar 2026: Il-Parlament adotta riżoluzzjoni ta' inizjattiva leġiżlattiva dwar it-"28 reġim", li tappella għal qafas legali uniku tal-UE għall-kumpaniji innovattivi biex ikun aktar faċli li n-negozji jiġu stabbiliti u jespandu fis-suq uniku kollu.

— Lulju 2023: fir-riżoluzzjoni dwar l-istat tal-Unjoni tal-SMEs, il-Parlament appella għal: i) valutazzjoni tal-impatt kumulattiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE fuq l-SMEs, ii) aktar simplifikazzjoni, iii) azzjoni aktar rapida dwar il-ħlasijiet tard, u iv) sforzi aktar b'saħħithom għar-rilaxx tal-finanzjament.

— Lulju 2022: fir-riżoluzzjoni intitolata "Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar", il-Parlament appella għal trasparenza akbar fl-approċċ "one in, one out" u biex jitqiesu l-ispejjeż kollha tal-konformità fil-livelli kollha ta' governanza.

— Novembru 2020: il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar strateġija industrijali ġdida għall-Ewropa, fejn appella għal strateġija industrijali li tinvolvi l-ekosistemi industrijali kollha, inklużi l-SMEs.

— Settembru 2016: fir-riżoluzzjoni dwar l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs u ż-żieda fid-diversità tal-finanzjament tal-SMEs f'Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-Parlament appella għal aċċess aħjar għall-finanzi għall-SMEs u għal sorsi ta' finanzjament aktar diversi permezz tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Din l-iskeda informattiva hija mħejjija mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għat-Trasformazzjoni, l-Innovazzjoni u s-Saħħa. Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, żur is-siti web tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON), tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO).

Matias Kambic / Marianne Simonne Eva MAQUET
04/2026